# Il-Koppla: Opra Maestuża

*Tagħrif meħud mit-tieni volum tal-ktieb 'Ħad-Dingli ir-Raħal li jikber u jieħu r-Ruħ ta' Patri Alexander Bonnici OFM Conv. Ippubblikat mill-Kunsill Lokali Dingli.*

L-aħħar Kappillani kienu stinkaw ħafna biex jkabbru l-knisja parrokkjali u jagħtuha d-dehra li għandha llum. Imma, fi żmien il-parrokat ta' Muscat, kien għad jonqos xiħaġa importanti. Il-knisja kienet għadha bla koppla. Caruana, is-suċċessur ta' Muscat, kien qiegħed jagħmel xi opri. Fost dawn, insemmu stellarju tal-fidda għall-istatwa tad-Duluri, irranġar u indurar ta' statwa tal-injam li turi lil San Ġużepp bil-Bambin, u kisi bl-irħam tat-turġien tal-altari tal-ġnub. Imma żgur li l-aqwa opra ta' żmienu kienet il-koppla kif kiteb hu nnifsu: "L-ewwel u l-aqwa opra għalija kienet il-koppla, li swietli ħafna taħbit u spejjeż. Il-bini tal-koppla kien waħda mill-ewwel preokkupazzjonijiet tal-Kappillan Caruana. Hu ħa ħsieb li jwaqqaf kummissjoni li l-membri tagħha kienu l-Kappillan innifsu, dun Ġwann Abela, J.M. Abela, u Mikiel Muscat. Kienet għadma iebsa. Il-flus kienu nieqsa. Għalhekk, fil-laqgħa ġenerali tal-Kumitat Ċiviku tas-26 ta' Mejju 1968, Francis Ebejer ħassu fid-dmir li jgħin lill-Kappillan billi jsib benefatturi li joffru rwieħhom b'mezzi finanzjarji u billi jġibu trakkijiet bil-ġebel għall-koppla bħalma kien sar fil-bini tan-navi. Dawk preżenti qablu miegħu. Il-Kappillan, li kien preżenti huwa wkoll, raddlu ħajr u fissirlu li hu japprezza l-fatt li 'l quddiem jaraħ jagħmel dak li jista' malli x-xogħol jinbeda. Il-Kappillan Caruana jżid: "Diversi benefatturi kienu joffru somom xierqa. Il-poplu kien jagħti b'ġenerożità u bil-qalb. Irrid insemmi l-ħafna xogħol b'xejn minn voluntiera." Dwar il-koppla, kien hemm problema wkoll fl-struttura tal-pilastri u l-ħnejjiet għall-koppla. Kien għad ma hemmx mgħallem u ħaddiema li setgħu jintefgħu fuq dan ix-xogħol. Wara taħbit u qtigħ il-qalb, ġew inkarigati l-perit Italo Raniolo, l-imgħallem Ġeraldu Spiteri mis-Siġġiewi, u ibnu Ġanni bħala bennej, u lavrant mis-Siġġiewi wkoll bl-isem ta' Ġużeppi Gatt. Fl-24 ta' Ġunju 1968, beda x-xogħol preparatorju. Kien jikkonsisti f'ċintorin kbir tal-konkrit rinforzat biex isaħħaħ il-ħnejjet u l-pilastru li fuqhom kellha sserraħ il-koppla. Il-perit Raniolo kien jgħasses fuqhom bla waqfien. Magħhom ħadmu għadd ta' ħaddiema oħrajn li offrew li jagħtu s-servizz tagħhom mingħajr ebda ħlas. Ix-xogħol skabruż tal-preparazzjoni dam sejjer sad-29 ta' Settembru 1968.



*Il-koppla fl-1973: meta kienet kważi lesta*

Fl-20 ta' Ottubru tal-istess sena, beda x-xogħol fuq it-tambur tal-koppla. It-tambur hu bħal ċintorin kbir tal-konkrit rinfurzat bit-travi, u jkun jistrieħ fuq l-erba' saqajn tal-pilastri li, qabel, ikunu tnaddfu u mtlew bil-konkrit. B'hekk, l-istruttura setgħet tkun ħaġa waħda u ssir tiflaħ it-toqol tal-bini tal-koppla mingħajr periklu għall-knisja u għal min jidħol fiha.

Nieħdu silta minn kitba tajba dwar il-preparazzjoni għall-bini tal-koppla: "Fis-16 ta' Marzu 1969, inbeda x-xogħol tal-konkrit fuq it-tanbur li dam sejjer sal-20 ta' April tal-istess sena. Biex wieħed jieħu idea tal-kobor ta' dan ix-xogħol inizjali, tajjeb li ngħid li ntużaw b'madwar 400 xkora siment u mal-ħamsin jarda żrar u ramel! Dan ix-xogħol kien fdat f'idejn Ġwanni Farrugia u Leli Farrugia li kienu ħadmu wkoll fil-bini taċ-ċimiterju. Kienu bosta



*Ġeraldu Spiteri:*
*l-imgħallem fil-bini tal-koppla*

d-Dinglin li, minkejja li forsi xi kultant ħabtu se jaqtgħu qalbhom, ħadmu b'mod volontarju fil-proġett li kien sejjer jitwettaq f'raħalhom. Wara diversi xhur jistennew lill-ħaddiema biex jibdew ix-xogħol tal-bini, fil-festa ta' San Nikola, irnexxielhom isibu lil Ġużeppi Gatt li jaċċetta li jaħdem fil-bini tal-koppla.

Fl-14 ta' Novembru 1969, Ġeraldu Spiteri, Ġużeppi Gatt, u Leli Farrugia poġġew l-ewwel ġebla fil-preżenza tal-Kappillan. Id-diffikultajiet ma qatgħux. Xi ħaddiema ħallew għax qatgħu qalbhom. Imma x-xogħol ma waqafx. Reġistru tal-parroċċa jurina l-ispejjeż li bdew jitħallsu minn żmien għal ieħor. Fis-16 ta' Settembru tħallsu £55 lil *England and England* għax-xogħol professjonali tagħhom. Ix-xogħol ħa ħames snin. Imma bil-mod il-mod, il-koppla bdiet tieħu s-sura tagħha. "Fil-15 ta' Diċembru 1972, tlestiet il-bokka ta' fuq tal-koppla msejħa l-kuruna u minnufih bdew ilestu l-pilastri għal-lanterna. Fit-28 ta' Ġunju 1973, poġġew il-balla tas-salib biex b'hekk l-istruttura kienet lesta għajr għas-salib." Fost l-ispejjeż ta' dawn is-snin, insibu li fl-1970 saru tnax-il vjaġġ ta' ġebel li qamu £48. Tqiegħdu sebà' kapitelli skolpiti li l-ispiża tagħhom kienet ta' £252. Imma fis-snin 1971 u 1972, Anġlu Galea għamel ħamsin vjaġġ ta' ġebel u qamu qrib £200. Fl-1972, tqiegħdu tliet twieqi kbar u tmienja żgħar tal-ħadid fil-koppla li qamu £152. It-twieqi b'kollox kienu sittax. Kien hemm ħafna spejjeż oħrajn. Il-perit Raniolo ma ħa l-ebda ħlas għad-drittijiet professjonali tiegħu. Xi ħlasijiet kienu l-ħġieġ għat-twieqi tal-koppla, u ħafna xogħlijiet oħrajn. L-ispiża totali sal-1974 telgħet għal Lm 3256. Is-sittax-il tieqa tal-ħadid li hemm fil-koppla nħadmu minn Ġorġ Buttigieg u Saver Sciortino.

Fl-aħħar żmien tal-ħidma tiegħu f'Ħad-Dingli, il-Kappillan Caruana kellu s-sodisfazzjon li jara dik l-opra lesta. Nisimgħu l-kelma tiegħu stess: "Fil-15 ta' Lulju 1973, wara ħames snin ta' xogħol u qtigħ il-qalb, tpoġġiet l-aħħar ġebla tal-koppla, jew aħjar is-salib. Biex niċċelebraw din l-okkażjoni tant mixtieqa u mistennija, saret iċ-ċerimonja tat-tberik tas-salib u, fost id-daqq ferrieħ tal-qniepen, iċ-ċapċip u l-għajjat tal-poplu, l-isparar tal-murtali u r-riħ qawwi li ma naqasx li jonfoħ, is-salib tal-koppla tala' jiddomina... Hekk intemmet b'wiċċ il-ġid il-ħolma mhux biss tiegħi imma tal-poplu kollu ta' Ħad-Dingli.

Fir-reġistru tal-ispejjeż, jidher l-isem tal-iskultur Alfred Camilleri Cauchi. Fil-fatt, malli l-koppla tlestiet, beda l-ixkatlar minn ġewwa u ġie nkarigat dan l-iskultur biex jiddekora l-koppla minn ġewwa. Ġiet meqjusa bħala dekorazzjoni unika għal dak iż-żmien, u sal-lum għadhom jitpaxxew biha. Imma hawn, diġà għaddejna għal parrokat ieħor għaliex meta tlesta ix-xogħol tal-koppla minn ġewwa u saret l-inawgurazzjoni, il-Kappillan Caruana kien għadda għal parroċċa oħra. L-inawgurazzjoni uffiċjali kienet sejra tkun fid-9 ta' Awwissu 1975. L-Arċisqof Gonzi nnomina lil Dun Pawl Cremona bħala Arċipriet tan-Naxxar, li hi l-parroċċa tal-post fejn kien twieled u tgħammed.

Dan kien parrokat ta' għaxar snin li minnu ħareġ ħafna ġid. Kollox juri kemm kien apprezzat min-nies ta' Ħad-Dingli. J.M. Abela, bħala segretarju tal-Kumitat Ċiviku, fis-17 ta' Marzu, għamel kelmtejn ta' tislima lil dan il-Kappillan. Faħħar il-ħidma kuraġġuża tiegħu għaliex mexxa 'l quddiem proġetti li qamu eluf ta' liri. Ħafna minn fost il-poplu kkollaboraw miegħu. Qallu li l-kapolavur tiegħu kien il-koppla maestuża, li f'dak iż-żmien ma kienx fadlilha ħlief xi affarijiet żgħar. In-nies tar-raħal kienu grati lejh. Imma s-segretarju fissirlu wkoll kemm lin-nies kien għoġobhom l-irħam mal-altari fid-daħliet tan-navi u fil-kappelluni tar-Rużarju u tal-Kurċifiss. Semmielu l-madum tas-sagristija u x-xogħol tan-niċeċ għall-istatwi. Raddlu ħajr ukoll għax is-sala li saret għal fuq is-sagristija kienet tassew meħtieġa. Il-Kumitat Ċiviku rringrazzjah ukoll talli kompla jippermettilhom jagħmel użu mid-*Domus* għal-laqgħat ġenerali tagħhom. Ilmenta wkoll dan is-segretarju talli l-ebda soċjetà ma kienet offiritilhom ftit wisa' fil-lokal tagħha. Dwar Leħen Ħad-Dingli, kien hemm il-bżża' li ma jinstabx ieħor li jidħol għalih minflok Dun Pawl Caruana bl-istess ħila u entużjasmu tiegħu.